KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 01/8/194/19

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 01

*It-Tlieta 2 ta' Lulju 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Steven Axisa - *Kunsillier*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros - *Kunsilliera*
Neville Camilleri - *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti 14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Dr. Anna Mallia kienet preżenti bħala Kummissarju għall-Ġustizzja fid-dawl tal-Ġuramenti tal-Ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ħadt ma kien assenti għal din il-laqgħa.

2. **Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku**

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lis-Sur Dominic Grima jekk kienx qiegħed jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Is-Sur Dominic Grima aċċetta l-kariga ta' Sindku u iffirma d-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni. (Kopja annessa)

3. **Ġurament tal-Ħatra ta' Sindku**

3.1. Il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Anna Mallia stiednet lis-Sur Dominic Grima jaqra d-dikjarazzjoni tal-Ġurament ta' ħatra ta' Sindku. Wara li qara d-dikjarazzjoni u ħa l-ġurament, is-Sur Grima iffirma d-Dikjarazzjoni. (Kopja annessa)

4. **Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku**

4.1. Is-Sindku staqsa lis-Sur Darren Lynch jekk kienx qiegħed jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku. Is-Sur Darren Lynch aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u iffirma d-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni. (Kopja annessa)

5. **Ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku**

5.1. Il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Anna Mallia stiednet lis-Sur Darren Lynch jaqra d-dikjarazzjoni tal-Ġurament ta' ħatra ta' Viċi Sindku. Wara li qara d-dikjarazzjoni u ħa l-ġurament, is-Sur Darren Lynch iffirma d-Dikjarazzjoni. (Kopja annessa)

6. **Responsabiltajiet tal-Kunsilliera**

6.1. Is-Sindku Dominic Grima fetaħ din il-parti tad-diskussjoni billi awgura lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera eletti. Huwa qal li min issa il quddiem għandu jibda ix-xogħol b'risq il-lokalita u għalhekk assenja ir-responsabiltajiet lil kunsilliera kif anness u dan ukoll wara li iltaqa' ma kull membru tal-Kunsill sabiex magħhom iddiskuta dawn ir-responsabiltajiet.

6.2. Is-Sindku kompla billi qal li dawn ir-responsabiltajiet kienu qed jingħataw għax huwa jemmen fil-kapaċitajiet ta' kull membru. Qal li jemmen li flimkien nistgħu naħdmu biex intejbu il-lokalita.

6.3. Is-Sindku qal li wara sitt xhur ser ikun qed jara wkoll kif wieħed ikun qed jaħdem fir-responsabiltà mogħtija lilu sabiex jekk ikun hemm ħtieġa dawn l-istess responsabiltajiet jiġu modifikati.

6.4. Is-Sindku għalaq billi qal li r-raħal għandu bosta sfidi u l-Kunsill irid jaħdem sabiex jegħleb dawn l-isfidi u jġib id-differenza. Qal ukoll li jekk il-membri ma jaħdmux flimkien b'onesta ikunu l-istess nies li eleġġew lill-membri li ibagħtu; għalhekk awgura lil kull membru għal ħidma sfieqa u onesta flimkien b'risq il-lokalita għażiża ta' Paola.

7. **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

7.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 7 ta' Awwissu 2019.

7.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 7 ta' Awwissu 2019.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku